# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 21

**It-Tnejn, 22 ta' Ġunju, 2020.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |

| | |
|---|---|
| Membri tal-Pubbliku: | NIL |
| Mistieden speċjali: | Il-Perit, Carmel Cacopardo |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Sindku, ippresjeda

## Minuti

## 21.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

21.01.01 Is-Sur Sindku flimkien mal-kunsilliera kollha preżenti, approvaw in-nuqqas tal-presenza tal-kunsillier (JB) u xtaqulu fejqan ta' malajr.

## 21.02 Approvazzjoni tal-Minuti (Numru 19 u numru 20)

21.02.01 Waqt is-seduta ġew approvati l-minuti tas-seduti ta' qabel bin-numri (19). Inġibdet l-attenzjoni mill-kunsillier (SZ) sabiex f' paragrafu numru 19.07.01 titneħħa l-kliem 'ta' ġewwa tal-parkeġġ' mis-sentenza, vers numru 5 u minflok titniżżel 'tal-Enemalta'. Kif ukoll f'paragrafu numru 19.08.03, fejn għanda titniżżel foot note li tgħid li sakemm inkitbu dawn il-minuti, intlaħaq ftehim li jsiru slow signs biss. Fl-istess paragrafu, il-kunsillier (AC) talab sabiex titneħħa s-sentenza f'vers numru (7), fejn stqarr li hu qatt ma avviċina lis-CEO tal-IM. Huwa talab ukoll li s-sentenza ta' wara tkun tkompli bil-kliem: 'Dwar l-ispralli l-kunsillier (AC) ser jitlob'..... Il-viċi talab ukoll li f'paragrafu 19.08.06 tiżdied ukoll il-kelma 'Reserved Communial Parking for blue sticker holder'. F'paragrafu 19.09.02, il-kunsillier (DP) stqarret li f'vers numru 4, kienet hi u mhux il-viċi li semmgħiet il-bidla ta' isem il-Misraħ. Fuq l-istess punt, il-kunsillier (AC) talab ukoll li jitniżżel il-punt li din it-tema kienet diġà ġiet proponuta sentejn ilu, iżda ma kinetx ġiet milqugħa. Il-Proponent għal dawn il-minuti kienet il-kunsillier (DP), sekondata mill-viċi Sindku.

21.02.02 Waqt is-seduta ġew approvati wkoll il-minuti numru (20). Il-proponent għal dawn il-minuti kien il-kunsillier (AC), sekondat mill-kunsillier (SZ).

## 21.03 Skeda ta' pagamenti

21.03.01 Skeda ta' pagament bin-numru (Skeda 06/20) li tkopri xiri u pagamenti bejn it-23 ta' Mejju u d-19 ta' Ġunju, 2020. Inġibdet l-attenzjoni mill-kunsillier (SZ), fejn ġie nnotat illi tqabbdu tliet kumpaniji differenti għal xogħol ta' manutenzjoni fuq l-arja kundizzjonata ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill, meta dan seta' sar minn persuna waħda. Il-kunsillier (AC) ġibed l-attenzjoni fuq żball fid-data f'vers (17), filwaqt li ssuġġerixa li jerġgħu jiġu vverifikati l-ammonti f'versi (51) u (77). Il-proponent kien il-kunsillier (SZ), is-sekondat mill-viċi sindku. Il-kunsilliera wkoll approvaw l-iskeda tal-Petty Cash.

## 21.04 Spjegazzjoni fuq il-kumitat tal-Freeport

21.04.01 Il-membri tal-Kunsill waqfu mid-diskussjoni fis-1850 u wara qbiel bejniethom, taw ċans lil Perit Carmel Cacopardo li ġie mistieden min-naħa tas-Sindku.

Id-diskussjoni kompliet fis-1925 wara li ntlaħaq ftehim li l-Perit Cacopardo (rapreżentant għal Kunsill fil-bord maħtur tal-Freeport), ser jibda jibgħatilhom rapport tal-laqgħat, kull tliet xhur.

## 21.05 Komunikazzjoni mis-Sur Sindku

21.05.01 Is-Sindku tkellem fuq l-ittra li rċieva mingħand il-Perit Ellul fir-rigward il-binja tal-islip way fil-Qajjenza. Huwa semma' li meta kienu ltaqgħu fuq il-post, l-islip way kellhom iħallu parti fejn tidħol il-Pilot Boat. Il-Kunsillier (CS) filwaqt li xtaq isaqsi jekk hux ser isir tħammil, is-Sindku wieġeb li r-ramel ġor rokna jidħol u għaldaqstant m'hemmx bżonn. Il-viċi indika wkoll li hemm xi siġar li għandhom jitneħħew, għaliex min ikun ġej min-naħa ta' Marsaxlokk, huma perikolużi. Il-kunsillier (AC) semma' li l-moll ser jibqa' fejn hu. Dan il-każ ser ikun qiegħed isegwieh il-kunsillier (CS) u li għandu jagħmel rapport, sabiex (SE) tkun tista' tirrispondi lil Perit Ellul.

21.05.02 Is-Sur Sindku qajjem id-diskussjoni fuq il-petizzjoni li rċieva mingħand xi residenti fi Triq l-Imnarja fuq problema ta' parkeġġ quddiem ir-residenza tagħhom. Dan wara li preżentaw condition report professjonali lill-uffiċċju. Skont il-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva fis-sena 2018, iż-żona indikata hija deskrita bħala żona pubblika u mhux permessibbli l-ebda parkeġġ. Dan il-każ reġgħa tqajjem, meta riċentament il-Kunsill iffriska u neħħa xi sinjali. Il-Kunsill qabel li, jekk ir-residenti għandhom xi lmenti għandhom iressquhom mal-Awtorità tad-djar. Fuq suġġeriment imqajjem mil-viċi, il-Kunsill qabel ukoll fuq il-preżentazzjoni tal-condition report, li titwaħħal tabella li tindika li fuq il-garaxxijiet permessibbli biss vetturi żgħar.

21.05.03 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-problema li nqalgħet minn bejjiegħa tal-pasti li kienet tinżel fuq il-Bajja s-Sabiħa, fil-viċinanzi fejn issir it-tombla. Din wara li għal darba oħra reġgħet talbet li tingħata remote control għal ftuħ tal-barikata. Il-Kunsill qabel li ġaladarba dan il-permess kien diġà kien approvat fis-snin l-imgħoddija, l-aċċess għandu jibqala permezz tal-ftuħ minn ħanut kummerċjali fl-istess żona. Fuq l-istess tema tkellem il-kunsillier (AC) fejn iddeskriva li hemm hekk ġejja l-barikata l-ġdida. Fl-istess waqt il-kunsillier (CS) staqsa jekk ikun hemm xi bejjiegħ ieħor fuq l-istess prinċipju nagħtuhx l-istess permess. Sa din il-ġurnata kollox għandu jibqa' kif inhu.

## 21.06 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

21.06.01 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet il-kwotazzjonijiet li kienu ntalbu lill-uffiċċju. Dawn ġew approvati fuq din il-lista:

- BOOM Consultancy – Tiġdied ta' kuntratt marbut mal-protezzjoni tad-dejta, li huwa mandatorju. Il-Kunsilliera qablu li għandha tiċċekkja jekk hemmx xi kumpaniji oħra li joffru l-istess servizz.
- Risk Assessment fuq il-bandli – Approvata l-istima ta' Ray Mifsud
- Bieb tal-aluminuim għal-boardroom tal-Kunsill – Approvata l-istima ta' Michael Briffa
- Bandli (cradle) – approvata l-istima ta' Anthony Bonello
- Road humps – il-Kunsillier (AC) kellu jiċċekja mal-Awtorità tat-Trasport

## 21.07 Punti mressqa mil-kunsilliera

21.07.01 Il-Viċi Sindku staqsa:

- Fejn waslet it-talba fir-rigward il-culvert li hemm mikxuf fi Triq F. Stufflesser 2. (SE) wieġbet li ser titwaħħal din il-ġimgħa.

- Il-Fustum tad-dawl ta' San Ġorġ. Il-Kunsillier (AC) wieġeb li ser jerġgħu jipprovduhulna l-Malta Tourism Authority.

- GALXLOKK Measures 1 u 4.3 – Il-kunsillier (SZ) wieġeb li għal Measure 1 tar-restawr m'għadx hemm fondi allokati, iżda qiegħed isir tentattiv sabiex issiru xi trasferimenti minn xi Miżuri oħra. Fir-rigward tal-Measure 4 – Green Wall Infrastructure – l-ewwel ħaġa rridu nerġgħu naraw jekk hux ser nagħmluh, jew le. L-applikazzjoni kienet saret minn kumpanija li tħaddan l-isem 'Funding Support' u li idealment nibqgħu magħhom. Għaldaqstant il-kunsillier (SZ) ser ikun qiegħed jagħmel kuntatt ma' din il-kumpanija.

- Il-viċi tkellem ukoll fuq il-fondi allokati mill-MUSEC, fejn ser nesploraw il-possibilità li napplikaw għall-Erasmus+ programmes (Youth Dialogues u Youth Exchanges).

- Qajjem ukoll il-punt sabiex issir talba uffiċjali mill-Kunsill x'ser jiġri mill-proġett ta' Ħas-Saptan dwar l-Enemalta. Huwa s-suġġerixxa li għandna nibgħatu ittra lil Onorevoli Michael Farrugia.

- Il-viċi tkellem ukoll fuq il-problema tal-parkeġġ fiċ-ċentru tal-lokal. Huwa qal li tkellem mal-kunsillier (JBD) fuq proposti tal-binja u l-possibbilità li l-bandli ta' bħalissa jsir parkeġġ. Il-kunsillier (AC) qal li dak irrid isir bil-permess tal-Perit. Għaldaqstant il-viċi ssuġġerixxa li nagħmlu talba lil Perit sabiex jikkonfermalna li dan għandu bżonn permess tal-Planning Authority. Il-kunsillier (JBD) issuġġeriet li jista' jkun hemm parkeġġ b'xejn ġewwa l-iskola, permezz ta' parker li jkun imqabbad mill-iskola u kull tip ta' qliegħ, ikun għalih. Filwaqt li kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment, ġie propost li għanda tintbagħat talba lil prinċipal tal-iskola sabiex fi tmiem il-ġimgħa jinfetaħ dan il-parkeġġ.

21.07.02 Punti mressqa mill-kunsillier (SZ)

- Il-Kunsillier (SZ) spjega kif kien iltaqa' mal-project maniġer tal-Park tal-Familja li bħalissa għadu fl-ewwel stadju. Huwa ssuġġerixxa li għandhom idaħħlu l-kunċett ta' dog park. Stqarr ukoll li talab draft tal-pjanti sabiex ikun jista' jitkellem ukoll fuq l-imaniġjar tat-traffiku.

- Il-Kunsillier (SZ) tkellem fuq l-idea sabiex tinstab rimedju fuq il-blokok tal-konkos li tqegħdu riċenti f'Wied il-Buni. Dan il-għaliex l-Għaqda tas-Sajjieda Dilettanti ma qablitx fuq dan l-aspett. Huwa ssuġġerrixa li titwaħħal katina mal-pajpijiet fuq iż-żewġt

naħat, sabiex jinħoloq speċi tal-kurutur għal pedestanti, filwaqt li fin-nofs ikunu jistgħu jidħlu bid-dgħajjes. Dan il-punt ma ġiex approvat mill-kunsilliera l-oħra. Id-deċiżjoni baqgħet li jibqgħu kif inhuma bil-blokok tal-konkos jimblokaw id-daħla.

- Il-kunsillier (SZ) ippropona li jsiru feeding station għall-annimali. Il-kunsillier (JBD) staqsiet fejn ser isir dan. Għal dan il-punt il-Kunsillier (MM) qalet li fl-opinjoni ssir cat shelter waħda. Il-Kunsillier (DP) issuġġerrit li dan isir fi Triq it-Trunċier.

**Il-Kunsill talab għal estenzjoni tal-ħin, peress li saru d-disgħa ta' filgħaxija u qabżu tliet siegħat. Il-proponent kienet il-kunsillier (JBD), sekondata mill-kunsillier (DP)**

21.07.03 Punti mressqa mill-kunsillier (JBD)

- Il-kunsillier (JBD) staqsiet fuq l-arblu li hemm fin-nofs tal-bankina fi Triq il-Brolli. – (SE) wieġbet li dan diġà ġie r-rapportat lil Enemalta.

- Sleeping policeman tal-Qajjenza jekk tistax issir tal-lastiku – Il-kunsillier (SZ) spjegalha kif l-Awtorità tat-Trasport ma tippermettilekx li jsiru sleeping policeman tal-lastiku f'żoni residenzjali.

- Il-kunsillier (JBD) tkellmet fuq il-humps fi Triq ġdida ġewwa Bengħisa u l-problemi li ħalqu meta l-karozzi bdew jirraportaw li qegħdin jaħbtu l-qiegħ. Il-kunsillier (AC) wieġeb li din il-problema diġà ġiet solvuta.

- Il-kunsillier (JBD) resqet ukoll il-punt fuq il-problema tal-parkeġġ ġewwa Birżebbuġa. Għaldaqstant, ittieħdet deċiżjoni sabiex (SE) tikteb lil Prinċipal u tressaq it-talba biex il-Kunsill ikun jista' jagħmel użu mill-bitħa tal-iskola, il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd.

21.07.04 Punti mressqa mill-kunsillier (AC)

- Il-kunsillier (AC) staqsa fuq l-allowance li l-uffiċċju qiegħed jagħti lil foreman. (SE) spjegatlu li dan ġie diskuss fl-aħħar seduta u li jekk mhux konvint jista' jsegwi r-rekording tal-Live Streaming.

- Il-problema tal-ħlas tad-Dimbros ta' ħdejn il-Water Polo pitch. Huwa qal li l-perita għad trid tippubblika it-table of contents għal ħlas.

- Automatic barrier – Il-kunsillier (AC) huwa tal-fehma li din il-barikata tkun tinfetaħ permezz ta' card u li tkun bil-ħlas. Sar qbiel ukoll li card minnhom għandha titħalla l-Għassa tal-Pulizija, f'każ ta' emerġenza. Il-Kunsillier (SZ) issuġġerixxa wkoll li tista' l-barikata tkun miftuħa għal perjodu ta' sagħtejn jew tlieta sabiex min joffri servizz lil tal-ħwienet ikun jista' jagħmel dan, iżda wara dan il-ħin, din tinżamm magħluqa.

- (AC) tkellem ukoll fuq il-proposta li qed tissemma' tal-iSlow Streets. Huwa wera l-opinjoni li din tkun mix-xatt min fejn il-każin tal-Labour sa ħdejn il-każin tal-banda. Mandankollu l-kunsillier (SZ) wieġeb li nkunu neħħejna t-traffiku min-naħa u waddabnieh naħa oħra. Il-mod kif inhi Birżebbuġa, tawwalija u għalissa aħjar li le.

21.07.05 Punti mressqa mill-kunsillier (MM)

- Il-kunsillier (MM) tkellmet fuq il-punt li ġewwa l-lokalità ma hemmx tabelli li jindikaw 'No dog swimming zone'. Għaldaqstant sar qbiel li jiġu ordnati tmien tabelli u jitwaħħlu skont l-indikazzjoni tagħha.

- Żwiemel ta' Wied il-Buni – dawn għandhom ikunu bil-ġranet u l-ħinijiet. Il-kunsillier (CS) qal li hemm żona ġewwa Marsaxlokk, iżda l-Kunsill Lokali jidher li mhux qed jieħu pjaċir. Għaldaqstant ma għandux isir qbil.

- Il-kunsillier (MM) tkellmet fuq il-kwotazzjonijiet ta' siġar taż-żebbuġ, li ser tkun qeda ġġib għall-erba qsari ta' Triq MF Ferretti wara li xtieli ma ħadux, kif ukoll għal Ġnien l-Indipendenza.

- Tkellmet ukoll sabiex issir talba ħalli naraw kif ser innaqqsu l-ħmieġ minn għalqa privata fi Triq il-Merżuq. (SE) talbitha tagħdilha d-dettalji sabiex tikteb lill-Awtorità tal-Artijiet.

- Il-kunsillier semmgħiet ukoll il-problema li qed ikun hemm għas-servizz tal-MaltaPost. (SE) wieġbet li dak mhux fil-kompitu tal-Kunsill, madanakollu l-kunsillier (CS) qal li nistgħu nitolbu għas-servizz li l-MaltaPost toffri permezz ta' vann apposta.

- Tkellmet ukoll fuq talba għal fjuri ħdejn in-niċċa l-ġdida fi Triq l-Għerien. Il-Kunsill qabel li għandna ngħinu.

21.07.06 Punti mressqa mill-kunsillier (DP)

- Il-kunsillier (DP) resqet l-ilmenti tar-residenti fi Triq Santa Maria u San Ġorġ fuq id-double yellow line twil li qed jieħu sitt parkeġġi. Il-kunsillier (SZ) stqarr li ma jafx min kien li għamlu, iżda l-kunsillier (DP) sostniet li kien hemm resident li kien talab u kienu ġew ir-rappreżentanti tal-Awtorità tat-Trasport.

- Scaffolding fi Triq San Mikiel – dan suppost qiegħed skont il-BRO – (DP) għandha tibgħat ir-ritratti ta' dan l-iscaffolding sabiex issir verifika.

- Iż-żewġt statwi – (DP) xtaqet tkun taf meta ser jiltaqa' l-bord li suppost kellu jkun imwaqqaf sal-aħħar ta' Ġunju, iżda minħabba l-COVID s'issa ma twaqqaf xejn.

- Il-kunsillier (DP) semmgħiet ukoll l-food animal dispensers – il-viċi qalha li ser ikun qiegħed jiċċekkja fuqhom.

- Resqet ukoll rikjesta għall-bajja għall-għum għall-klieb. Sar ftehim bejn il-membri preżenti li l-aħjar post għandu jkun bejn il-Kunsill u l-monument tas-Summit, fejn hemm il-biċċa cement quddiem il-bring-in sites.

- (DP) tkellmet ukoll fuq id-dog park. (SZ) fakkarha li dan il-punt qiegħed jiġi diskuttibbli min-naħa tal-proġett tal-family park.

21.07.07 Punti mressqa mill-kunsillier (JB)

- Il-kunsillier (JBD) ħa l-opportunità u ngħaqad magħna permezz taz-Zoom, fejn qajjem ukoll żewġt mistoqsijiet. L-ewwel waħda staqsa, x'sar minnha l-eletrode fuq San Ġorġ, fil-waqt li t-tieni fuq l-isleeping policeman fi Triq San Ġużepp. Il-kunsillier (SZ) wieġeb li s'issa għadhom ma sarux it-tnejn li huma.

21.07.08 Punti mressqa mill-kunsillier (CS)

- Il-kunsillier (CS) xtaq jitkellem fuq is-soccer tournament li qed jiġi ppjanat li jsir fil-Bajja s-Sabiħa, bejn is-27 t' Awwissu u s-7 ta' Settembru, 2020. Huwa stqarr li fiż-żmien preċidenti, id-deputat Segretarju Eżekuttiv kien qal li m'hemmx tariffa għal timijiet nazzjonali, iżda l-kunsillier (SZ) sostna fuq il-Bye-Law u dawn għandhom iħallsu tariffa bħal ħaddieħor. (SZ) issuġġerixxa li għandna nwaħħlu tabella bit-tariffa tal-pitch. Għaldaqstant (CS) kompla jistaqsi jekk il-Kunsill kienx ser jagħti rikonoxximent li dan it-tournament sabiex isir jew le. (SE) talbet li tintbagħat emajl mill-organizzaturi lill-uffiċċju bid-dettalji kollha meħtieġa.

- (CS) tkellem ukoll fuq talba ta' rikonoxximent lil tifel li waqt il-COVID għamel għamel progress edukattiv fl-iskola fejn reġgħa beda jattendi.

- (CS) tkellem ukoll fuq ir-Regatta. Huwa saħaq li fiċ-ċirkostanzi preżenti jkun aħjar li għal din is-sena ma ssirx. L-organizzaturi talbu lil Gvern sabiex tingħatalhom garanzija, iżda din mhix possibbli. Għalhekk sar ftehim li din ma ssirx. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' din id-deċiżjoni.

## 21.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

21.08.01 Il-laqgħa aġġornat fl-għaxra u nofs u ħames minuti. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, fil-ħamsa ta' filgħaxija, ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill.

**IFFIRMATA**

___________________________

Joseph Farrugia
Sindku

**IFFIRMATA**

_________________________

Rosalie Mintoff
Segretarju Eżekuttiv